MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Numru 1411/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**

**SIMON SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Simon Spiteri ta’ 44 sena bin Espedito u Concetta nee’ Cutajar imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Settembru 1963 u joqghod ‘Kurunell Court’ Triq il-Qalb Imqaddsa San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 4707630(M).

Billi gie akkuzat talli bejn April 2006 u Novembru 2007 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kerditi immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn elf lira Maltin (Lm1000.00) ghad-dannu ta' Thomas Joseph Psaila u Rita Zammit, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Thomas Joseph Psaila u Rita Zammit, ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-parte civile Thomas Joseph Psaila u Rita Zammit iddikjaraw li l-imputat hallashom dak kollu dovut lilhom rigwardanti din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310 u 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Simon Spiteri fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-parte civle Thomas Joseph Psaila u Rita Zamit iddikjaraw li l-imputat hallashom dak kollu dovut lilhom rigwardanti din il-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Simon Spiteri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Simon Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Simon Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 382A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------